# IL-GĦELMA *

*(Tifkira tat-8 ta' Settembru, 1565)*

Għannu l-Ħarsien! lill-Qalbenin ta' darba,
mramma ġisimhom ta' qawwa bla qies!
Tfisser MEWT tas-SALIB jew tan-NOFS-QAMAR
it-TAQBIDA--Bandiera żżomm il-jies.

ABJAD—safa tal-qlub,
AĦMAR—dmija mxerrdin;
Qimu l-BANDIERA, u intom
tagħtu ġieħ lill-MEJTIN.

Ma jiswa xejn il-ward fuq it-TIFKIRA,
xejn il-kliem u l-bandieri mifruxin;
kollox duħħan jekk ta' kull wieħed minna
il-QALB mhix SAFJA ġo nirien ħajjin.

ABJAD—eċċ.

Aħilfu, mela, l-LUM, irġiel, tfal, nisa,
li tqimu lill-BANDIERA tas-SAFJIN:
GĦELMA!—iżda tfisser dak li kulħadd jifhem,
SEDQA 'l ALLA, 's-Sultan 'l-Art tal-Maltin.

ABJAD—eċċ.

DUN KARM

25-4-37

* *Mill-Ingliż ta' Miss May Butcher.*

# Għajdut Malti

*(Issibu Għajdut ieħor fil-'Malti' ta' Settembru, Diċembru 1934 u Marzu 1935).*

Kellu xi tabxa sewwa l-Qorti
Imqaxqax daqs Ġobb
Jidħak bix-xemx għaddejja
Mhux kif ġieb u laħaq
Riżq u barka
Dur dur fejn ried ġiebha
Imur għal riħu.
Kollox mill-art. (Jiġifieri tixħet kollox nej u flimkien fil-borma.)
Ħadu fuq demm id-dars.
Kemm ġiebha bi kbira.
Irid parank biex jiċċaqlaq
Ġriet ix-xniegħa.
Tismax qanpiena waħda.
Taħlef għal ħadd.
Miet b'laħmu u b'xaħmu.
Jiswa mitqlu deheb.
Moħħu ma jtihx, moħħu qasir, ma jilħaqlux
Trid tkun bil-pinna u l-klamar miegħu.
Igħix bl-akkerija.
Rajtu anġlu quddiemi.
Ridt l-art tiblagħni.
Il-kliem bħaċ-ċirasa.
...u x'inhu jdurli mal-lewża
Mhux ħlief iraħħamli
Issa dħaltli ġol-għalqa
Darba jdoqq l-arloġġ
Baħrin aħna
Dak baħri tal-bnazzi
Riedha bl-art u l-baħar.
Il-għawi ħu l-ġenn.
Ta' kuljum iwaġġa' r-ras.
Ma jħallix waħda taqa'.
Qadim tapizzolu.
Għandu anemija ddoqq l-iskotti.
Għandu deni ta' żiemel
Għandu deni jisreġ
Darba tiġi żewġ